**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 592/2020**

**Il-PULIZIJA**
**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**-Vs-**

**LLEWWLYN XERRI**

**Illum 26 ta' Mejju 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **LLEWWLYN XERRI** iben Martin u Anna Agius, imwieled Pieta' nhar is-16 ta' Jannar 1996 u residenti ġewwa Annmar, Triq il-Belt Valletta, Qormi u detentura tal-karta tal-identita' bin-numru **39696M;**

Akkużat talli nhar nhar is-16 ta' Jannar 2020 ġewwa l-Istabbiliment bl-isem '59' fi Triq ir-Repubblika fil-Belt Valletta u f'dawn il-Gzejjer:

**1.** Ikkommetta serq ta' flus kontanti għad-detriment ta' Maria Rosaria Fifi u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u bil-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda anqas minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

Il-Qorti mitluba illi f'każ ta' ħtija tqis lill-imputat Rowan Azzopardi bħala li sar reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li ġie misjub ħati b'sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jaqra l-akkuzi u jikkonfermahom bil-gurament u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi;

Semghet lill-imputat waqt l-istess udjenza tal-1 ta' Diċembru 2020 jirreġistra ammissjoni u jiddikjara li huwa ħati tal-akkużi;

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu u wara illi kkoncedietlu ħin biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tieghu, kif ukoll wara li spjegatlu n-natura u s-serjeta` tal-reati li jinsab mixli bihom u l-piena erogabbli, semghet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-htija tieghu.

Semgħet ix-xhieda ta' Maria Rosaria Fifi fis-seduta tal-1 ta' Diċembru 2020;

Rat id-digriet mogħti fis-seduta tal-1 ta' Diċembru 2020 fuq talba tal-imputat, fejn ordnat li jitħejja rapport ta' qabel is-sentenza a tenur tal-Artikolu 6 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet ix-xhieda tal-Uffiċjal tal-Probation Antonella Debono fis-seduta tas-26 ta' Lulju 2021 u rat ir-rapport ta' qabel is-sentenza kif ukoll in-nota addizzjonali minnha ppreżentat;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, fil-preżenza tal-Avukat difensur tiegħu, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghall-finijiet tal-piena, il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi, fosthom il-fedina penali pjuttost oneruża tal-imputat, il-fatt li l-ammissjoni saret fl-iktar stadju bikri tal-proceduri u fuq kollox il-fatt li l-imputat irrifonda l-flus li seraq lill-vittma li fix-xhieda tagħha, affermat li l-imputat kien irrifondielha l-ammont ta' tliet mitt Euro (€300) u ma ghandhiex iktar pretensjonijiet fil-konfront tiegħu. Mill-*current incident report* esebit fl-atti jirriżulta wkoll li **din ir-rifużjoni saret fis-17 ta' Jannar 2020, ċioe' dakinhar** stess li l-vittma sabet li l-imputat ikkommetta r-reat billi wettaq it-trasferiment mhux awtorizzat tal-flus mit-telefon ċellulari tagħha lil terzi. **Dan ifisser li l-imputat issodisfa r-rekwiżiti kollha tal-Artikolu 337 (2) tal-Kap. 9 biex għall-fini tal-piena, din titnaqqas b'żewġ gradi**.

Madanakollu, il-Qorti wara li rat ir-rapport ta' qabel is-sentenza imħejji mill-Uffiċjal tal-Probation fis-6 ta' Mejju 2021 (Dok. AD1), fehmet li l-imputat huwa maħkum mill-vizzju tal-abbuż mid-droga kokaina u fi kliem l-istess Uffiċjal tal-Probation, huwa għandu problema akuta ta' dipendenza fuq din id-droga, liema problema mhux biss jidher li kienet diġa' teżisti fiż-żmien tat-twettiq tar-reat ta' serq addebitat lilu f'din l-azzjoni kriminali, iżda hija wkoll problema li teħtieġ li tiġi indirizzata b'mod immedjat. Kemm hu hekk, l-Uffiċjal tal-Probation irrakkomandat għall-fini tal-piena li l-imputat jitqiegħed taħt Ordni ta' Probation għaż-żmien massimu li tippermetti l-liġi anke billi jiġi impost fuqu addizzjonalment l-obbligu li jsegwi programm residenzjali biex jegħleb dan il-vizzju u jtemmu b'suċċess.

Huwa minnu li l-Uffiċjal tal-Probation irrapportat ukoll fix-xhieda tagħha kif ukoll fin-nota minnha preżentat fis-26 ta' Lulju 2021 (Dok. AD2), li in segwitu għat-tħejjija

tar-rapport ta' qabel is-sentenza l-imputat baqa' ma kko-operax iktar u ma għamilx kuntatt la magħha biex tkompli taġġorna lill-Qorti dwar is-sitwazzjoni korrenti tiegħu, u lanqas mal-*key worker* assenjat lilu mill-Aġenzija Sedqa (tant illi l-file tiegħu mal-istess Aġenzija ingħalaq).

Iżda fil-fehma tal-Qorti, in-nuqqas ta' kuntatt da parti tal-imputat jista' jfisser biss, fiċ-ċirkostanzi fejn jidher li huwa baqa' ma indirizzax il-problema serja li għandu tad-dipendenza fuq id-droga, illi huwa għaddej minn żmien ħażin u jeħtieġ li jingħata l-għajnuna meħtieġa b'mod immedjat. Il-Qorti tqis li l-imputat xorta waħda jibqa' kandidat idoneu għal sanzjoni fil-komunita' u m'hijiex sejra ċċaħħdu mill-**opportunita' tal-aħħar** biex jibbenefika minn sanzjoni komunitarja u biex b'hekk jifhem u jagħraf il-bżonn ta' riforma u l-ħtieġa li jingħata l-għajnuna professjonali u jkollu sorveljanza konsistenti minn persuni kwalifikati biex jindirizza bis-serjeta' l-problema li għandu: problema li evidentement hija l-katalist tal-aġir kriminuż tiegħu. Il-Qorti qiegħda tagħmilha ċar li din għandha tkun l-opportunita' tal-aħħar li tingħata lill-imputat għaliex minn ħarsa lejn il-fedina penali tal-imputat, jirriżulta li huwa kkommetta dan ir-reat waqt li kien taħt Ordni ta' Superviżjoni maħruġ taħt l-Artikolu 28H tal-Kap. 9 għal żmien sena bis-saħħa ta' sentenza mogħtija fit-18 ta' Novembru 2019, xaharejn biss qabel ikkommetta dan ir-reat – għalkemm, għandu jingħad, huwa mhux qed jiġi mixli taħt id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 28B tal-Kap. 9.

Il-Qorti in konklużjoni tosserva illi għalkemm l-imputat ammetta l-addebitu tar-reċidiva taħt l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9, minn ħarsa lejn iċ-Ċitazzjoni jirriżulta li dan l-addebitu ġie mfassal ħażin b'mod li jirreferi għall-"*imputat Rowan Azzopardi*". Il-Prosekuzzjoni ma talbet l-ebda korrezzjoni biex iċ-Ċitazzjoni tirrispekkja korrettment l-isem tal-imputat odjern għall-fini tal-addebitu tar-reċidiva u fiċ-ċirkostanzi tqis illi minkejja l-ammissjoni tal-imputat, huwa ma jistax jinstab ħati ta' addebitu li għandu l-effett fost oħrajn ta' aggravanti fil-piena meta dan l-addebitu ġie indirizzat fil-konfront ta' persuna oħra mhux l-imputat innifsu. Fi kliem ieħor, l-imputat ma jistax jammetti għal addebitu ta' reċidiva miġjub fil-konfront ta'

ħaddieħor u għalhekk il-Qorti mhijiex sejra tqisu bħala riċediv taħt id-dispożizzjonijiet tal-liġi ċitati.

Peress illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti hija sodisfatta li s-sorveljanza tal-ħati minn Uffiċjal tal-Probation tkun mixtieqa fl-interess li tiġi assikurata r-rijabilitazzjoni tiegħu u anke li jiġi protett il-pubbliku minn xi dannu li jista' jagħmel u li jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra, sejra tqiegħdu taħt Ordni ta' Probation għaż-żmien massimu li tippermetti l-liġi.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li ma ssibux ħati tal-addebitu tar-reċidiva, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 261(ċ)(d), 267, 268(ċ), 279(a), 280(1) u 337(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni issib lil LLEWWLYN XERRI ħati tal-ewwel imputazzjoni iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' Probation għal żmien tlett (3) snin mil-lum u dan taħt il-kundizzjonijiet elenkati fl-Ordni ta' Probation mogħtija kontestwalment u li tifforma parti integrali minn din is-sentenza.**

**Il-Qorti fissret lill-ħati, bi kliem li huwa jifhem, x'ikun l-effett tal-Ordni u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu magħha jew jagħmel xi reat ieħor, tista' tingħata sentenza għar-reat oriġinali, u semgħet ukoll lill-ħati jesprimi r-rieda tiegħu li jikkonforma ruħu mal-ħtiġijiet tal-Ordni ta' Probation.**

**Il-Qorti tordna illi din is-sentenza kif ukoll l-Ordni ta' Probation maħruġ fil-konfront tal-ħati, jiġu notifikati lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**